

# L-Isqof Fra Davide Cocco Palmieri u l-ambjent naturali ...

## *Il-Protagonisti marbuta mal-Kappella ta' San Pawl tal-Qlejgħa*

*Is-Sur Louis Vassallo (kitba u ritratti)*

F'din id-dawra li qegħdin nagħmlu flimkien permezz ta' dan l-annwal maħruġ mis-Soċjetà Filarmonika Santa Marija, din is-sena l-attenzjoni tagħna se ddur fuq kappella oħra ħelwa li nsibu fil-limiti tal-Mosta. Din hi ddedikata lil San Pawl, li tinsab eżattament f' nofs Wied il-Qlejgħa fejn biswitu nsibu d-*Chadwick Lakes*. L-isem tagħha ma ddakkarx biss minn dan il-wied, iżda wkoll mill-inħawi li jdawruha, magħrufa bħala 'tal-Minġiba'. Din il-kappella toffri wieħed mill-isbaħ kwadri mlewna bejn ir-Rabat u l-Mosta. Peress li hi maqtugħa minn kull bini u mdawra biss bil-beraħ tal-kampanja, tiġbed l-attenzjoni ta' kull min jinzerta għaddej minn dawn l-inħawi. Il-biċċa l-kbira ta' din l-art hija proprjetà privata tal-familja Testaferrata Bonici, fejn allura, din il-kappella tippartieni wkoll lill-istess familja ta' demm nobbli.

### Kullana ta' ismijiet

Hawnhekk, wieħed għandu jiltaqa' ma' għalqa partikulari msejħa '*L-Għerien*'. Fiha jinsab katakombi li kien iservi għad-dfin tal-mejtin tal-ewwel Insara li kienu jgħammru fil-Mosta. L-awtur J.J.Camilleri, fl-annwal tal-1997 maħruġ minn din l-istess soċjetà mużikali, kiteb li '*Tal-Qlejgħa*' tfisser naħa għolja u tista' tfisser wkoll kastell żgħir. Jekk inwessgħu dan il-kwadru pittoresk, niltaqgħu wkoll mal-inħawi '*Ta' Buqana*' li tinsab int u nieżel mill-Imdina, qabel ma taqbad it-trejqa li tieħdok għal Ta' Qali. L-istess J.J.Camilleri jtarrfilna li Ta' Buqana jsejħulha hekk għall-kanali tal-ilma. Kif rajna diġà, isem il-wied iddakkar u twaħħad mal-istorja tal-kappella minħabba l-ilma li jgħaddi minn taħt iz-zuntier tagħha. Il-Wied tal-Qlejgħa jibqa' sejjer għal '*Wied Ħanżira*' li jinsab ftit metri bogħod. J.J.Camilleri jsostni li '*Il-Ħanżira*' jgħidu li jisimha hekk, għax wara xita qawwija, kemm-il darba il-wied ġarr lejn din in-naħa perikoluża għadd ta' ħnieżer li kienu jirgħu fil-qrib. Preċiżament, Wied Ħanżira jinsab f' dik il-parti bejn il-kappella ta' San Pawl tal-Qlejgħa u l-Knisja tal-Isperanza. Minn hawnhekk, fi żminijietna l-għaqdiet pirotekniċi Mostin qegħdin jaħarqu l-murtali matul il-jiem tal-festa ta' Santa Marija. Bla dubju ta' xejn, Wied il-Qlejgħa u l-inħawi li jdawwruh huma postijiet ideali għal xi ħarġa mal-familja jew mal-ħbieb, l-aktar meta x-xitwa tkun fl-aqwa tagħha. Meta toħroġ xi ġurnata sabiħa, ngħidu aħna l-Ħadd wara nofsinhar, x' hemm isbaħ milli tagħmel passejn f' dawn l-inħawi fejn tkun tista' tapprezza s-seħer tan-natura fil-kwiet u l-ġabra ta' madwarek!



*Dawn l-inħawi joffru sfond mill-aqwa għal xi artist biex ipitter il-pajsaġġ Malti*

### Post strateġiku

Il-post strateġiku ta' din il-kappella, dejjem qajjem suspetti biex jiġi deċiż eżattament il-lokalità tagħha. E.B.Vella fil-ktieb '*Storja tal-Mosta*' jgħidilna li din tinsab '*fil-limiti parrokkjali ta' l-Imdina*'. Filwaqt li Joe Balzan fir-rubrika tiegħu 'Kont Taf li...' li dehret fil-ġurnal '*It-Torċa*' tas-16 ta' Jannar 2000, jidher li kien indeċiż f' din il-biċċa. Huwa kiteb li '*fuq din il-knisja dejjem kien hemm kwistjoni dwar ma' min tagħmel bħala proprjetà*'. Il-parroċċa tal-Mosta tgħid li hi tagħha, waqt li l-Kapitlu tal-Katidral jgħid li taqa' taħt il-ġurisizzjoni tiegħu. Meta jien stess intervistajt lir-rettur tagħha fl-1999, il-Patri Franġiskan Adrijanu Ġużeppi Cachia qalli, li għalkemm tagħmel mal-Kapitlu tal-Katidral tal-Imdina, din il-kappella hi proprjetà assoluta tal-familja Testaferrata Bonici. Dan it-tagħrif ikkonfermah, il-mibki iżda żgur qatt minsi Dun Salv Magro, li fejn jidħlu kappelli fil-periferija tal-Mosta, dejjem kien punt ta' riferenza. Dun Salv kien qalli wkoll kif fl-imgħoddi t-trejqa l-antika li taqsam Wied il-Qlejgħa permezz ta' tliet arkati tal-ġebel, kienet isservi ta' linja li tifred ir-Rabat mill-Mosta. Meta wieħed iħares minn fuq l-arkati, b' dahru lejn l-Imdina, fuq il-lemin tiegħu jara l-kappella ta' San Pawl, waqt li fuq ix-xellug jilmaħ il-kappella ta' Santa Marija '*Taż-Żejfi*', li tagħmel mal-konfini tal-Mosta. Imma anke hawn jerġa' jfiġġ id-dubju għax E.B.Vella jsostni li l-kappella taż-Żejfi '*qiegħda fil-limiti parrokkjali tal-Imdina*'. Pero', hawnhekk irridu noqogħdu attenti biex ma nħalltux il-konfini mal-limiti parrokkjali. Tant hu hekk li mappa turistika li kien ħareġ il-Kunsill Lokali tal-Mosta, turi fost il-bosta postijiet storiċi li nsibu fil-Mosta,

il-kappella li fuqha illum xħetna l-attenzjoni tagħna. Imma meta wieħed iqalleb l-aħħar ħarġa tad-Direttorju Parrokkjali tas-sena 2006 li ħareġ l-Arċipriet tal-Mosta, ma nsibu l-ebda riferenza għaliha! Imma kollox ma` kollox, f`belt twelidna nsibu *'Triq San Pawl tal-Qlejgħa'* li tixhed kemm din il-kappella hi għal qalb il-poplu Mosti.

### Il-patri u sieħbu toni

Madwar tlettax-il sena ilu, Patri Adrijanu tgħarrafli li l-amministratur ta` din il-kappella hu t-Tabib Alexander Cachia Zammit. Il-patri stqarr ukoll li l-imfietaħ u ċ-ċwievet kien għaddihomlu Salvu Agius, magħruf mal-Mostin bħalu *'Il-Bonu'*. Sakemm miet, dan ir-raġel twajjeb kellu f`idejh l-imfietaħ kollha tal-kappelli li jinsabu fil-periferija tal-Mosta. Saħansitra kellu l-aċċess biex jiftaħ il-kappella ta` Santa Katarina li tinsab f`Wied il-Għasel imma li tagħmel mal-Parroċċa tan-Naxxar! Intant, dan il-patri kien beda jieħu ħsieb din il-kappella fi żmien meta l-għażiż Mons. Dun Bert Bezzina, kien Arċipriet tal-Parroċċa tal-Mosta. Kemm il-patri Franġiskan u kif ukoll sieħbu Toni Micallef li hu voluntier Mosti li għex u trabba f` razzett f'dawn l-inħawi, ħabirku kemm felħu biex jatrezzaw bl-aqwa mod dan il-maqdes devot u kif ukoll isewwu l-ħsara li kienu wettqu xi vandali għall-ħabta tal-Milied tal-1998. F`dan l-att kundannabbli, dawn il-persuni rresponsabbli kienu kissru l-bieb ta` barra u l-antiporta, daħlu ġewwa u minn hemm serqu xi ornamenti. Snin qabel, mill-kampnar kienet insterqet il-qanpiena. Iżda t-tnejn li huma, ħadu l-opportunità biex jiżżu ħajr lil dawk in-nies ta` rieda tajba li għoġobhom joffru għajnuna finanzjarja sabiex ikunu jistgħu jitħallsu l-ispejjeż tax-xogħol li jkun sar.

### L-oriġini tagħha

Il-kappella li naraw illum, inbniet flok oħra ferm eqdem minnha. Dan ma jfissirx li nbniet eżattament fejn kienet l-oriġinali. Dan jikkonfermah E.B.Vella nnifsu meta kiteb 'ġiet mibnija mill-ġdid fuq pjanta isbaħ u f`post aħjar'. L-istess kittieb jagħti ħjiel dwar il-kappella l-antika meta stqarr li *'fl-1615, f`din il-knisja kien hemm il-kwadru tal-konverżjoni ta` San Pawl...'*.



*Il-kappella solitarja ta' San Pawl tal-Qlejgħa, imħaddna b`ambjent naturali mill-isbaħ.*

Fil-programm tal-festa tas-Soċjetà Filarmonika Nicolo` Isouard tal-1999, Tony Terribile meta jsemmi dwar l-oriġini tagħha jgħid li *'magħha wkoll kien hemm ċimiterju li fih kienu jindifnu bosta nies tal-inħawi'*. Fil-ktieb ta` Stanley Mangion dwar l-erba` żjajjar pastorali fil-Mosta tal-Isqof Fra Davide Cocco Palmieri, insibu xi dettalji utli dwar kif kienet il-kappella oriġinali. Dan insibuh imniżżel fl-ewwel viżta, dik ta` bejn l-24 u s-26 ta` Novembru 1686. Mangion jgħidilna li sidha kienet Elenora Testaferrata, iddedikata lil San Pawl Appostlu fl-art imsejħa 'Ta' *Minġiba'*. Il-bejt tal-ġebel kien jistrieħ fuq tliet ħnejjiet. Kellha bieb iħares lejn il-punent b`zuntier quddiemha mdawwar b`ħajt. Fuq il-bejt kien hemm kampnar b`żewġ ħnejjiet li jixxiebhu, imma ma` kellhomx qanpiena mdendla. Din kienet tinsab ġewwa l-istess kappella. Fiha kont issib artal wieħed tal-ġebel li kien mibni taħt il-ħnejja u kien magħmul minn mejda u tliet skabelli jew tarġiet imżewqin bil-kuluri. Fuqu kien hemm sett gandlieri tal-injam u salib. Kellu wkoll it-tabelli tal-glorja, tas-salm tal-ħasil tal-idejn u tal-evanġelju ta` San Ġwann. L-Isqof kien innota li l-kappella kienet mingħajr siġġijiet u kienet fi stat ħażin ħafna. Il-pittura titulari kellha partijiet imqattgħin, fejn kienet tirrappreżenta x-xbieha ta` San Pawl kif ukoll ix-xbieha tal-Beata Verġni Marija bil-Bambin Ġesù fuq in-naħa ta` quddiem. Din il-kappella kellha kalċi bil-patena kif ukoll missal. Kellha wkoll xi ħwejjeġ oħra ta` ħtieġa għas-sagrifiċċju tal-quddies. Dawn kienu jinżammu f`armarju tal-injam li kien ħdejn l-artal fuq in-naħa tal-epistola. Quddiem l-artal kien imdendel lampier maħdum minn taħlita ta` fidda u ċomb, b`imnara li kienet tinxtegħel kull nhar ta` Sibt u fil-festi tal-preċett. Il-festa kienet tiġi ċċelebrata nhar il-25 ta` Jannar, jum it-tifkira tal-konverżjoni tal-istess qaddis, bil-kant tal-ewwel għasar u quddiesa kantata. Maż-żmien iżda, in-nuqqas ta` interess wassal għall-abbandun totali tagħha. Għamlet żmien twil hekk sakemm fis-seklu sbatax, inbniet din li naraw illum.

### Minn taħt il-lenti tal-isqof

Fit-tieni żjara tal-Isqof Fra Davide Cocco Palmieri bejn it-3 u l-14 ta' Mejju 1693, ra b`għajnejh il-kappella l-ġdida mibnija fuq sisien ġodda minflok dik mimlija biż-żmien. Imma kienet għadha fi stat li tiġi armata u mżejna minn ġewwa. Kienet għadha bla kwadru titulari u nieqsa minn dawk il-ħwejjeġ mitluba biex ikun iċċelebrat is-sagrifiċċju tal-quddiesa. L-Isqof amar li d-dħul kollu għandu jmur biex din il-kappella tkompli tintrama u tiżżejjen u biex fost ħwejjeġ oħra, issir il-pittura. Waqt it-tielet żjara bejn l-4 u l-5 ta` Ottubru 1699, l-imsemmi Isqof innota f`din il-kappella titjib sostanzjali, għalkemm ordna xi affarijiet li għandhom jitranġaw jew isiru oħrajn ġodda bħal ngħidu aħna, l-erba` gandlieri tal-injam indurati bil-fidda u b`salib li fuqu jkollu x-xbieha tas-Santissimu




*Il-qoxra tal-ktieb ta` Stanley Mangion fejn turi l-pittura tal-Isqof Cocco Palmieri. Kien hu li għażel l-10 ta` Frar biex f`dan il-jum jiġi ċċelebrat in-Nawfraġju ta` Missierna San Pawl.*

*ikompli f'paġna 120*

Kurċifiss. Sa din iż-żjara pastorali, il-kappella rurali ta` San Pawl 'Tal-Minġiba' kienet tiċċelebra l-festa tagħha nhar il-25 ta` Jannar. Iżda sar-raba` viżta tal-Isqof Cocco Palmieri f`Mejju 1709, il-festa kienet inbidlet għal dik tal-10 ta` Frar biex tfakkar il-wasla tal-appostlu tal-ġnus fil-gżejjer Maltin.

## Ħa l-passi meħtieġa

Huwa magħruf li dan l-Isqof ħabrieki kien devot ħafna ta` din il-festa u kien iħoss li l-Knisja Maltija ma kinitx tiċċelebra kif jixraq din it-tifkira. Hu xtaq li jkun hemm jum ieħor partikulari u mhux tibqa` biss ċċelebrata mal-festa liturġika tal-konverżjoni ta` San Pawl. Għaldaqstant meta fl-1692 ħarġet l-ordni mill-Vatikan għat-twaqqif tal-festa tal-protettur għall-provinċja l-Isqof Cocco Palmieri ħataf l-okkażjoni u ħareġ digriet li mhux biss iddikjara l-Appostlu San Pawl bit-titlu tan-Nawfraġju tiegħu f`Malta, iżda ddikjara għall-ewwel darba fl-istorja l-10 ta` Frar bħala l-ġurnata li fiha għandu jiġi ċċelebrat in-Nawfraġju. Iktar tard, hu ħa l-passi meħtieġa kollha biex il-ġurnata tal-10 ta` Frar tkun ikkonfermata fis-Sinodu li nżamm fil-Katidral tal-Imdina fl-1703 biex b`hekk tidħol b`mod uffiċjali fil-kalendarju liturġiku mal-festi l-oħra ta` pajjiżna; festa li għandna niċċelebraw bil-kbir sa żminijietna. Għalhekk, aħna l-poplu ta` Malta u Għawdex għandna nkunu ferm grati lejn dan l-Isqof. Apparti li għoġbu jgħaddilna dan il-kult qaddis u wisq għażiż għalina lkoll, kien tabilħaqq wieħed mill-aqwa rgħajja spiritwali li qatt kellha d-djoċesi ta` Malta.

## Ġawhra prezzjuża

Sabiex nagħtu kwadru komplet ta` din il-kappella li qegħdin niffokaw fuqha din is-sena, jeħtieġ li l-istorja toħodna lura sal-proġett tal-bini tagħha mill-ġdid. Din il-ġawhra prezzjuża damet tinbena madwar ħames snin. Kien proprju lejliet il-festa ta` San Pawl Nawfragu, nhar id-9 ta` Frar 1695, meta tbierket mill-Kanonku D. Ferdinando Castelletti. Bħall-kumplament tal-knejjes tagħna, din il-kappella kienet imħollija f`idejn min għandu r-raba` jew bini li fuqhom kien hemm imħolli xi legat. Dan il-legat kien jorbot lis-sid tal-art, biex iżomm il-kappella fi stat tajjeb u biex isiru l-għasrien u quddiesa f`jum il-festa tal-qaddis. Il-bini Barokk tagħha għandu mat-tliet mitt sena. Inbniet fis-sekli sbatax/tmintax meta dan l-istil kien ferm imfittex fil-gżejjer Maltin.



*Dettal tal-kampnar tal-kappella li jagħmel sehem sħiħ mill-frontispizju u li għandu stil uniku, għax m`hawnx ieħor bħalu f`art twelidna*



*Parti mit-trejqa l-antika li fl-imgħoddi kienet l-uniku aċċess biex taqsam Wied il-Qlejgħa permezz ta` tliet arkati tal-ġebel.*

## Il-faċċata

Il-frontispizju tagħha għandu stil uniku, għax m`hawnx ieħor bħalu f`art twelidna. Minflok kif imdorrijin f`kappelli oħra, hawn naraw li dan jogħla fil-ġnub u jinżel fin-nofs, biex jagħti spazju għal kampnar. Fil-ġnub tiegħu, jitilgħu żewġ skulturi tal-ġebel, f`għamla ta` fjammi tan-nar. Uniku wkoll huwa għat-tifsila taz-zuntier, li għandu forma ta` nofs tond. Fuq dan jitilgħu tliet tarġiet li jwasslu għall-bieb ewlieni. Minn maġenb il-kappella, tinżel trejqa mħaffra fil-blat li twasslek sa quddiem iz-zuntier. Fuq il-bieb insibu tieqa kwadra li ddawwal il-kappella minn ġewwa. Fil-ġnub tal-faċċata jitilgħu żewġ pilastri skont l-ordni Toskan li jżommu l-frontispizzju. F`wieħed mill-ġnub tagħha, għadhom jidhru xi mwieżeb tal-ilma. Għandna naraw ukoll, tieqa ċkejkna fil-bieb tal-injam li kienet tippermetti lid-devoti, biex meta l-kappella tkun magħluqa jaraw l-artal u b`hekk jkunu jistgħu jtennu b`mod aħjar, xi talba lil Missierna San Pawl. Ħdejn il-koxxa tal-bieb, naraw irħama li fuqha hemm miktub bit-Taljan *'Non gode immunita` ecclesiastica'.* Skont l-istoriku l-Kav. Joseph Galea , hujgħid fil-ktieb tiegħu *'Art Twelidi',* li din mhix ħlief twissija għall-kriminali li jkunu għamlu xi delitt. Id-dehra tagħha llum, tfakkarna fiż-żmien li għadda u mar biex qatt iżjed ma jerġa` jiġi lura!

## Il-kappella minn ġewwa

Meta wieħed jidħol ġewwa josserva li s-saqaf hu magħmul minn troll u maħdum bi preċiżjoni perfetta. Dan hu l-aqwa xhieda tal-kapaċita' artistika ta` min fassal il-pjanta u tal-bennejja li ħadu ħsieb ix-xogħol tal-bini. Tinħass ħafna l-influwenza ta` Lorenzo Gafa` li kien fl-aqwa tal-karriera tiegħu f`dawk iż-żminijiet. Billi fiha ma jidhru l-ebda opri partikolari tal-arti, l-arkitettura tagħha tiġbed l-għajn tal-viżitatur. Ta` min jinnota l-bankijiet tal-ġebel mad-dawra tagħha li hu eżempju klassiku tal-istil arkitoniku ta` dak iż-żmien. Meta tlesta l-bini ta` din il-kappella li naraw illum, tpoġġa l-kwadru titulari li jirrappreżenta n-Nawfraġju ta` San Pawl. F`Ottubru 1979 seħħet maltempata kbira fejn din il-kappella ġarrbet ħsarat kbar, kawża tal-ilma li daħal ġewwa. Ma ninsewx li din hi mibnija taħt il-livell tat-triq, biswit il-wied. Waqt dik il-maltempata, il-kwadru, ġarrab diversi tbajja` kawża tal-ilmijiet. Kien fl-2005 li fuq inizjattiva tal-għaqda 'Ħarsien Patrimonju Mosti' dan il-kwadru ttieħed



Il-kappella hi mibnija taħt il-livell tat-triq, biswit il-wied. Fl-1979 seħħet maltempata kbira fejn ġarrbet ħsarat kbar, kawża tal-ilma li daħal ġewwa.



Fost il-graffiti li nsibu mal-ħitan tagħha, jispikka dan forma ta' xini li d-daqs tiegħu jagħmlu wieħed mill-ikbar li nsibu ma' faċċata ta' knisja fil-gżejjer tagħna.

għal restawr professjonali, fejn l-APS Bank sponsorja l-ispiża kollha. Hemm min jaħseb li l-kwadru hu xogħol ta' Filippu Dingli.

## Il-kappella fi żminijietna

Fuq inizjattiva ta' ĦPM wkoll, il-kappella ġiet irrestawrata, imnaddfa u meħlusa mill-wajers u kull xorta ta' oġġetti li kienu qed ikerrhu u jagħmlu ħsara lill-binja tagħha. Fuq dan ix-xogħol, ħaddmu il-ħaddiema tal-Ministeru tar-Riżorsi u l-Infrastruttura tal-Gvern Ċentrali. B'sodisfazzjon nistqarr li fl-ewwel snin tat-Tielet Millenju tal-Kristjaneżmu, din il-kappella tinsab fi stat tajjeb u ffrekwentata min-nies li joqogħdu viċin iċ-*Chadwick Lakes*, oħrajn miż-żoni tal-Blata l-Għolja, Tas-Sriedak u saħansitra miż-Żebbiegħ. Kull nhar ta' Sibt titqaddes quddiesa li tkun tgħodd għal-liturġija tal-Ħadd. Mhux l-ewwel darba li għaqdiet differenti għamlu użu minn din il-kappella solitarja. Fosthom insemmi liż-Żgħażagħ Azzjoni Kattolika tal-lokal, fejn minn żmien għal żmien organizzaw irtiri u laqgħat ta' talb għall-membri. L-Għaqda Filantropika Talent Mosti kienet ġibdet xi xeni mill-vidjows tagħha f' dan il-lok, minħabba l-ambjent naturali, folkloristiku u reliġjuż li toffri din il-kappella tassew ħelwa.

## Graffiti fuq il-ħajt

Fis-snin l-imgħoddija, din il-kappella kienet devota ħafna min-nies li kienu jgħixu fl-inħawi viċin. L-aqwa turija ta' xhieda ta' dan hu n-numru sabiħ ta' graffiti li naraw minquxa mal-faċċata tagħha. Dawn jgħoddu għal madwar tletin u juru kemm xwieni, idejn mgħollija b'sinjal ta' talb, għasafar, forma ta' salib u kif ukoll qatta' tiben. Jispikka fost dawn, graffit forma ta' xini li d-daqs tiegħu jagħmlu wieħed mill-ikbar li nsibu ma' faċċata ta' knisja fil-gżejjer Maltin. Għalkemm għaddew sekli sħaħ minnn fuqhom, tista' tgħid li għadhom fi stat tajjeb. Dawn fihom infushom huma manifestazzjoni popolari ta' wegħdi magħmula minn baħħara u bdiewa. Wara li jkunu qalgħu dak li xtaqu u talbu għalih, kienu jnaqqxu tifkira. Żgur li mhumiex magħmula b'xi arti, imma magħmulin b'attenzjoni biex jagħtu identifikazzjoni tal-ġifen jew xini. Fuq l-oriġini tagħhom, Tony Terribile jikkonferma li '*fil-biċċa l-kbira tagħhom imorru lura lejn it-tmiem tas-seklu sbatax u l-ewwel nofs tas-seklu dsatax*'. Dawn it-tip ta' simboli mnaqqxa fil-ħitan, jitpoġġew mal-kategorija ta' *ex voto*. Nappella li ldawk li jmorru josservawhom biex ma jagħmlulhom l-ebda ħsara. Dawn għandna nibżgħu għalihom, għax huma wkoll jagħmlu sehem mill-patrimonju tagħna.

## Sfond mill-isbaħ

U hekk wasalna fi tmiem din il-passiġġata mimlija seħer, storja, kult u kurżità li jitwaħħdu ma' xulxin biex jissawru fl-inħawi tal-Minġiba. Illum din il-kappella sservi ukoll f'waqfa ta' mistrieħ, waqt xi mixja f' Wied il-Qlejgħa. Toffri bla dubju, sfond mill-isbaħ għal xi artist biex ipitter il-pajsaġġ Malti. Meta jidlam, il-kappella tkun imdawlha permezz ta' rifletturi tad-dawl u kull min ikun ġej mir-Rabat jew l-Imġarr jista' japprezza l-ħlewwa fis-sempliċità tagħha.

***Referenzi:***


1. George Cassar u Joseph G.M. Borg "Il-Mosta, il-Mostin u r-Rotunda tagħhom matul iż-żminijiet" (MALTA, 2007)
2. E.B.Vella u Oħrajn, "Storja tal-Mosta" (Malta, 1986)
3. Stanley Mangion "Il-Mosta bejn is-snin 1686 u 1709 fid-dawl tal-erba' żjajjar pastorali tal-Isqof ta' Malta Fra Davide Cocco Palmieri" (MALTA,2010)
4. Joseph Galea, "Art Twelidi" (Malta, 1994)
5. Filarmonika Santa Marija- Annwal 1997
6. Filarmonika Nicolo' Isouard- Annwal 1999/ Annwal 2001
7. Kunsill Lokali Mosta "Il-Kunsill Tiegħek" Numru 38, Mejju 2010
8. It-TORĊA, il-Ħadd 16 ta' Jannar 2000
9. Parroċċa Mosta "Direttorju Parrokkjali" 2006
10. Ħajr lil Patri Adrijanu Ġużeppi Cachia, Dun Salv Magro u Toni Micallef għat-tagħrif li għaddewli.